European Schoolnet

European Commission
Information Society and Media

Université de Liège

# Servej tal-Iskejjel: L-ICT u l-Edukazzjoni

# MANWAL GĦALL-KORDINATURI FL-ISKEJJEL

**European Schoolnet**

**Service d'Approches Quantitatives des faits éducatifs**

## Werrej


Introduzzjoni ..... 2

1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ORGANIZZAZZJONI TAL-ISTUDJU ..... 3

2. RESPONSABBILTAJIET U KOMPITI ..... 6

3. INFORMAZZJONI DWAR KUNTATT ..... 7

4. KOMPITU 0: IDĦOL FIL-WEBSAJT BĦALA KORDINATUR TAL-ISKOLA ..... 7

5. KOMPITU 1: TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-KLASSI(JIET) ..... 7

A) KOLONNA 1 'ISEM IL-KLASSI' ..... 8

B) KOLONNA 2 'GĦADD TOTALI TA' STUDENTI FIR F'DIN IL-KLASSI' ..... 9

C) KOLONNA 3 'GĦADD TA' STUDENTI ESKLUŻI' ..... 9

6. KOMPITU 2: TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-GĦALLIEM(A) ..... 10

A) L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA ..... 10

B) L-INNUMERAR TA' GĦALLIEMA ELIĠIBBLI ..... 11

7. KOMPITU 3: AMMINISTRAZZJONI TAS-SERVEJ ..... 13

A) AMMINISTRAZZJONI GĦALL-ISTUDENTI (MHUX FIL- PRIMARJA 5, PRIMARJA) ..... 13

B) AMMINISTRAZZJONI GĦALL-GĦALLIEM(A) U GĦALL-KAP TAL-ISKOLA ..... 14

8. KOMPITU 4: SEGWITU TAS-SERVEJ ..... 14

ANNESS A: ITTRA U FORMOLA TA' PERMESS MINGĦAND IL-ĠENITURI ..... 15

ANNESS B: ITTRA LILL-ĠENITURI ..... 16

ANNESS C: ITTRA LILL-GĦALLIEMA ..... 17

European Commission
Information Society and Media

L-opinjonijiet espressi f'dan ix-xogħol huma dawk tal-kontributuri u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

Dan l-istudju ġie kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għas-Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja tal-Kummissjoni Ewropea.

© Kummissjoni Ewropea 2011

# Introduzzjoni

Dan il-manwal huwa maħsub biex jiggwida lill-Kordinatur tal-Iskola (KS) fiż-żewġ kompiti ewlenin fl-iskejjel li qed jieħdu sehem fis-Servej tal-Iskejjel: L-ICT u l-Edukazzjoni (ESSIE):

(1) l-identifikazzjoni tar-respondenti u
(2) l-organizzazzjoni tal-ġbir tad-dejta.

L-għan tal-ESSIE huwa li jevalwa l-progress li sar fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Kommunikazzjoni fl-edukazzjoni madwar il-31 pajjiż Ewropew. Aħna ser namministraw kwestjonarji online dwar id-disponibilità, l-użu u l-attitudnijiet lejn it-teknoloġija edukattiva lill-kapijiet tal-iskola, lill-għalliema u -fil-livell sekondarju biss – lill-istudenti.

Biex inkunu nistgħu nqabblu l-progress fl-ICT madwar il-pajjiżi, huwa importanti ħafna li niksbu kampjuni ta' kwalità tal-iskejjel u tan-nies f'kull pajjiż. Respondenti magħżula b'mod korrett u rappreżentattiv biss jistgħu jagħtu għarfien komparabbli fuq livell internazzjonali.

L-istudju ESSIE ser jiġbor id-dejta fuq tliet livelli:

1. Livell tal-iskola,
2. Livell tal-klassi/għalliema, u
3. Livell tal-istudenti (mhux fl-iskejjel tal-Primarja 5 Sena (Primarja)).

Huwa importanti ħafna li ssegwi l-proċeduri kollha speċifikati f'dan il-manwal biex tikseb dejta valida komparattiva internazzjonali. Inti jkollok l-appoġġ tal-Kordinatur Nazzjonali tiegħek jekk dan ikun meħtieġ.

Grazzi ħafna għall-koperazzjoni tiegħek.

# 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ORGANIZZAZZJONI TAL-ISTUDJU

Dan l-istudju ser jiġbor dejta mill-iskejjel (permezz tal-kapijiet tal-iskola), mill-klassijiet (permezz tal-għalliema), u mill-istudenti tal-Primarja 5 Sena (Primarja), Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3 u 1 sena 6th form/1 sena taħrig vokazzjonali (post sekondarja/vokazzjonali). Għal raġunijiet prattiċi, ebda kwestjonarju għall-istudenti mhu ser ikun amministrat fil-Primarja 5 Sena (Primarja).

L-organizzazzjoni ġenerali tal-istudju tas-Servej tal-Iskejjel: L-ICT fl-Edukazzjoni (ESSIE) tidher f'Tabella 1. L-iskola tiegħek hija kampjun għal wieħed (jew forsi aktar) livell(i) tal-edukazzjoni. Iffoka biss fuq il-livell(i) tal-edukazzjoni li għaliha/għalihom l-iskola tiegħek ġiet magħżula. Pereżempju, iffoka biss fuq il-kolonna tal- Primarja 5 Sena (Primarja), jekk l-iskola tiegħek ġiet magħżula għal dan il-livell.

!

Jekk jogħġbok innota li s-sena mmirata hija t-tielet numru fl-ID:

| | | |
|---|---|---|
| **1 :** | **« ISCED level 1 »** | **Primarja 5 Sena (Primarja)** |
| **2 :** | **« ISCED level 2 »** | **Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3** |
| **3 :** | **« ISCED level 3 academic »** | **1 sena 6th form (post Sekondarja)** |
| **4 :** | **« ISCED level 3 vocational »** | **1 sena taħrig vokazzjonali (f'taħriġ vokazzjonali)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Per Eżempju:*** | ***ID :*** 34**2**03102 | ***→2*** | ***Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3*** |

**Tabella 1. Ħarsa ġenerali lejn l-organizzazzjoni tal-istudju**

| **Grade** | | Primarja 5 Sena (Primarja) | Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3 | 1 sena 6th form (post Sekondarja) | 1 sena taħrig vokazzjonali (f'taħriġ vokazzjonali) |
|---|---|---|---|---|---|
| **Skejjel** Fil-pajjiżi | Skejjel | Numru=300 skont il-pajjiż | Numru=300 skont il-pajjiż | Numru=300 skont il-pajjiż | Numru=300 skont il-pajjiż |
| **Min ser iwieġeb?** | Kapijiet tal-iskola | | | | |
| **Fuq liema strument?** | | Kwestjonarju għall-kapijiet tal-iskejjel | Kwestjonarju għall-kapijiet tal-iskejjel | Kwestjonarju għall-kapijiet tal-iskejjel | Kwestjonarju għall-kapijiet tal-iskejjel |
| **Klassijiet**[1] Fl-iskejjel | Klassijiet | Numru =1 skont l-iskola | Numru =1 skont l-iskola | Numru =1 skont l-iskola | Numru =1 skont l-iskola |
| **Min ser iwieġeb?** | Għalliema | Numru =1 skont l-iskola | Numru =3 skont l-iskola | Numru =3 skont l-iskola | Numru =3 skont l-iskola |
| **Fuq liema strument?** | | Kwestjonarju għall-għalliema | Kwestjonarju għall-għalliema | Kwestjonarju għall-għalliema | Kwestjonarju għall-għalliema |
| **Studenti** Fil-klassijiet | Studenti | Numru =0 | Numru =l-istudenti kollha fil-klassi tal-kampjun | Numru =l-istudenti kollha fil-klassi tal-kampjun | Numru =l-istudenti kollha fil-klassi tal-kampjun |
| **Fuq liema strument?** | | Ebda kwestjonarju għall-istudenti | Kwestjonarju għall-istudenti | Kwestjonarju għall-istudenti | Kwestjonarju għall-istudenti |

Tabella 2, tagħtik aktar dettalji dwar it-tipi ta' kwestjonarji li għandhom jimtlew f'kull livell tal-edukazzjoni, u min għandu jimlihom.

[1] f'pajjiżi żgħar, jista' jkun hemm żewġ klassijiet kampjuni biex jiżdied l-ammont tad-dejta.

**Tabella 2. Deskrizzjoni tal-kwestjonarji li għandhom jimtlew, skont il-livell tal-edukazzjoni**

| |
|---|
| **Fil-Primarja 5 Sena (Primarja)**<br><br>**Hemm 2 tipi ta' kwestjonarji online li għandhom jimtlew.**<br><br>Il-kwestjonarju online għall-Kapijiet tal-Iskola jimtela mill-kap tal-iskola. Il-kap tal-iskola jista' jkun megħjun mill-kordinatur tal-ICT tal-iskola (jew ekwivalenti) biex jimla l-mistoqsijiet dwar l-aspetti tekniċi jekk ikun meħtieġ.<br>Il-kwestjonarju online għall-għalliema jimtela mill-għalliem li għandu r-responsabbiltà ewlenija tal-klassi. Jekk aktar minn għalliem wieħed għandu r-responsabbiltà ewlenija, wieħed mill-għalliema jintgħażel b'mod każwali (ara aktar tard, deskrizzjoni ta' Kompitu 2).<br>M'hemmx kwestjonarji għall-istudenti.<br><br>**Fil-Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3**<br><br>**Hemm 3 tipi ta' kwestjonarji online li għandhom jimtlew.**<br><br>Il-kwestjonarju online għall-Kapijiet tal-Iskola jimtela mill-kap tal-iskola. Il-kap tal-iskola jista' jkun megħjun mill-kordinatur tal-ICT tal-iskola (jew ekwivalenti) biex jimla l-mistoqsijiet dwar l-aspetti tekniċi jekk ikun meħtieġ.<br>Il-kwestjonarju online għall-għalliema jimtela minn tliet għalliema (għalliem tax-Xjenza, għalliem tal-Matematika u għalliem tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija") tal-klassi magħżula. Jekk ikun hemm aktar minn għalliem wieħed tax-Xjenza u tal-Matematika, wieħed biss mill-għalliema tax-Xjenza u tal-Matematika jintgħażel b'mod każwali (ara aktar tard, deskrizzjoni ta' Kompitu 2).<br>Iżda, l-ewwel ikun meħtieġ li jkun definit il-kunċett ta' klassi, billi l-istudenti jistgħu jimxu minn klassi għal oħra skont is-suġġett f'livell baxx tal-edukazzjoni sekondarja (ara aktar tard, deskrizzjoni ta' Kompitu 1).<br>Il-kwestjonarju online għall-istudenti jimtela mill-istudenti kollha fil-klassi kampjun.<br><br>**Fil-1 sena 6th form (post Sekondarja)**<br><br>**Hemm 3 tipi ta' kwestjonarji online li għandhom jimtlew.**<br><br>Il-kwestjonarju online għall-Kapijiet tal-Iskola jimtela mill-kap tal-iskola. Il-kap tal-iskola jista' jkun megħjun mill-kordinatur tal-ICT tal-iskola (jew ekwivalenti) biex jimla l-mistoqsijiet dwar l-aspetti tekniċi jekk ikun meħtieġ.<br>Il-kwestjonarju online għall-għalliema jimtela minn tliet għalliema (għalliem tax-Xjenza, tal-Matematika u għalliem jintgħażel ta' istruzzjoni ewlenija") tal-klassi magħżula. Jekk ikun hemm aktar minn għalliem wieħed tax-Xjenza u tal-Matematika, wieħed biss mill-għalliema tax-Xjenza u tal-Matematika jintgħażel b'mod każwali (ara aktar tard, deskrizzjoni ta' Kompitu 2).<br>Iżda, l-ewwel ikun meħtieġ li jkun definit il-kunċett ta' klassi, billi l-istudenti jistgħu jimxu minn klassi għal oħra skont is-suġġett f'livell ta' sekondarja għolja (ara aktar tard, deskrizzjoni ta' Kompitu 1).<br>Il-kwestjonarju online għall-istudenti jimtela mill-istudenti kollha fil-klassi kampjun. |

**Fil-1 sena taħrig vokazzjonali (f'taħriġ vokazzjonali)**
**Hemm tliet tipi ta' kwestjonarji online li għandhom jimtlew.**

Il-kwestjonarju online għall-Kapijiet tal-Iskola jimtela mill-kap tal-iskola. Il-kap tal-iskola jista' jkun megħjun mill-kordinatur tal-ICT tal-iskola (jew ekwivalenti) biex jimla l-mistoqsijiet dwar l-aspetti tekniċi jekk ikun meħtieġ.
Il-kwestjonarju online għall-għalliema jimtela minn tliet għalliema li l-aktar għandhom siegħat ta' istruzzjoni mal-klassi magħżula (ara aktar tard, deskrizzjoni ta' Kompitu 1 ).
Iżda, l-ewwel ikun meħtieġ li jkun definit il-kunċett ta' klassi (ara aktar tard, deskrizzjoni ta' Kompitu 1).
Il-kwestjonarju online tal-istudenti jimtela mill-istudenti kollha fil-klassi tal-kampjun.

## 2. RESPONSABBILTAJIET U KOMPITI

Ir-responsabbiltajiet tiegħek huma:
1) li tipprovdi informazzjoni dwar l-għalliema, il-klassijiet, u l-istudenti fl-iskejjel tagħkom. Din l-informazzjoni tippermetti lis-sistema tagħżel awtomatikament min ser jieħu sehem fis-servej
2) li timmaniġġja l-amministrazzjoni tas-servej.

Fil-kapitli li ġejjin, ser 1) nispjegawlek liema informazzjoni neħtieġu u kif iddaħħalha fil-websajt u 2) niggwidawk pass pass kif torganizza l-amministrazzjoni u s-segwitu tas-servej.

Tabella 3 tagħtik ħarsa ġenerali lejn il-kompiti li tkun teħtieġ twettaq għal dan l-istudju.

**Tabella 3. Ħarsa ġenerali lejn il-kompiti tal-kordinatur tal-iskola**

| | Isem il-Kompitu | Deskrizzjoni tal-Kompitu | Skeda (skont il-bidu tas-sena skolastika) |
|---|---|---|---|
| Kompitu 0 | Idħol fil-websajt tas-servej | Illoggja fil-websajt tas-servej | Awwissu-Ottubru |
| Kompitu 1 | Teħid ta' kampjuni tal-klassi(jiet) | Niżżel il-klassijiet kollha fil-grad fil-mira | Awwissu -Ottubru |
| Kompitu 2 | Teħid ta' kampjuni tal-għalliem(a) | Iddetermina liema għalliem(a) għandhom jimlew il-kwestjonarji | Awwissu-Ottubru |
| Kompitu 3 | Amministrazzjoni tas-servej | - Ibgħat ittra lill-ġenituri, jekk ikun meħtieġ<br>- Fil-livell sekondarju biss, organizza sessjonijiet għall-istudenti fejn ikunu jistgħu jimlew il-kwestjonarji<br><br>- Qassam l-IDs (isem l-utenti) u passwords lill-għalliema u lill-kap tal-iskola biex ikunu jistgħu jimlew il-kwestjonarji | Ottubru-Novembru |
| Kompitu 4 | Segwitu tas-servej | Żgura li l-parteċipanti kollha mlew il-kwestjonarji tagħhom | Ottubru-Novembru |

# 3. INFORMAZZJONI DWAR KUNTATT

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar it-teħid tal-kampjuni tal-għalliema u tal-klassijiet, ikkuntattja lill-Kordinatur Nazzjonali.

Il-Kordinatur Nazzjonali tiegħek huwa

| Isem | Numru tat-Telefown | Indirizz elettroniku |
|---|---|---|
| Emmanuel Zammit | +356 2598 2164 | manuelzammit@gmail.com |

# 4. KOMPITU 0: IDĦOL FIL-WEBSAJT BĦALA KORDINATUR TAL-ISKOLA

Mur fil-websajt ta' ESSIE u lloggja bl-identità u l-password mibgħuta lilek bil-posta elettronika bħala kordinatur tal-iskola.




**Jekk l-iskola tiegħek tkun magħżula għal aktar minn grad wieħed**, kun żgur li tuża l-ID u l-password it-tajbin għall-grad korrespondenti (dawn huma differenti għal kull grad). Jekk inti l-kordinatur tal-iskola għal aktar minn grad wieħed, jeħtieġ tagħmel il-kompiti għal kull grad separatament.

# 5. KOMPITU 1: TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-KLASSI(JIET)

Għat-teħid tal-kampjuni tal-klassijiet, l-ewwel speċifika l-għadd ta' klassijiet eliġibbli fil-grad fil-mira u wara imla l-"formola online tal-lista tal-klassijiet".

Tabella 4 turi eżempju ta' formola tal-lista tal-klassijiet vojta. Biex timla din il-formola, inti teħtieġ:

a) Tipprovdi isem il-klassi (kolonna 1)

b) Tipprovdi l-għadd ta' student fil-klassi (kolonna 2)
c) Jekk meħtieġ, tipprovdi l-għadd ta' student esklużi (kolonna 3)

***Tabella 4. Eżempju ta' "formola tal-lista tal-klassijiet" vojta***

| Class Name | Total number of target students | Number of excluded students |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

Sampling Back

## a) KOLONNA 1 'ISEM IL-KLASSI'

Kolonna 1 ser ikun fiha l-lista tal-klassijiet kollha fl-iskola tiegħek fil-grad li ser jieħu sehem fl-istudju. Segwi l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt skont il-livell tal-edukazzjoni li tieħu ħsieb inti.

**Primarja 5 Sena (Primarja)**

1. Niżżel il-klassijiet kollha fl-iskola li għandhom studenti fir-Primarja 5
2. Agħti isem uniku lil kull klassi biex tkun tista' tidentifikahom.

**Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3**

Jista' jkun li l-istudenti jimxu minn klassi għal oħra skont is-suġġett. Għalhekk, irridu niddefinixxu l-kunċett ta' klassi. Għal dan l-istudju**, niddefinixxu l-klassi bħala l-grupp ta' tagħlim tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" f'din l-iskola.**

1. Niżżel il-klassijiet kollha tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" fl-iskejjel li għandhom studenti fit-Secondarja Form 3
2. Agħti isem uniku lil kull klassi biex tkun tista' tidentifikahom.

**1 sena 6th form (post Sekondarja)**

Jista' jkun li l-istudenti jimxu minn klassi għal oħra skont is-suġġett. Għalhekk, irridu niddefinixxu l-kunċett ta' klassi. Għal dan l-istudju, **niddefinixxu l-klassi bħala l-grupp ta' tagħlim tal-istudenti tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" f'din l-iskola.**

1. Niżżel il-klassijiet kollha tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" fl-iskejjel li għandhom studenti fil-1 sena 6th form
2. Agħti isem uniku lil kull klassi biex tkun tista' tidentifikahom.

**1 sena taħrig vokazzjonali (f'taħriġ vokazzjonali)**

Jista' jkun li l-istudenti jimxu minn klassi għal oħra skont is-suġġett. Għalhekk, irridu niddefinixxu l-kunċett ta' klassi. Għal dan l-istudju, **niddefinixxu l-klassi bħala l-grupp ta' tagħlim tal-istudenti tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" f'din l-iskola.**

| |
|---|
| Jekk din id-definizzjoni mhijiex possibbli għaliex il-lingwa ta' tagħlim mhijiex suġġett obbligatorju għall-istudenti vokazzjonali fl-iskola tiegħek, l-unità tal-amministrazzjoni tal-klassi tista' tintuża, jew tiġi diskussa alternattiva mal-Kordinatur Nazzjonali tiegħek.<br>1. Niżżel il-klassijiet kollha tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" fl-iskejjel li għandhom studenti fil-1 sena taħrig vokazzjonali<br>2. Agħti isem uniku lil kull klassi biex tkun tista' tidentifikahom. |

## b) Kolonna 2 'Għadd totali ta' studenti fir f'din il-klassi'

Daħħal l-għadd ta' studenti f'kull klassi. Jekk ikun hemm klassijiet b'ħafna gradi, pereżempju fil-livell primarju l-klassijiet tat-4/5 grad, l-istudenti tar-5 grad biss għandhom jingħaddu.

| |
|---|
| **Primarja 5 Sena (Primarja)**<br>Għalkemm ebda kwestjonarju tal-istudenti mhu amministrat f'dan il-livell tal-edukazzjoni, xorta jeħtieġ li timla l-għadd ta' studenti fil-klassijiet tar-Primarja 5. Ir-raġuni għal dan huwa li aħna nqabblu d-dejta miġbura mill-għalliema mal-għadd ta' studenti. |

Inkludi l-istudenti kollha fil-mira f'kolonna 2 anke dawk li ma jistgħux jimlew il-kwestjonarji (ara s-sessjoni li jmiss).

## c) Kolonna 3 'Għadd ta' studenti esklużi'

Tista' tiddeċiedi li teskludi għadd ta' studenti minn xi klassijiet jew klassijiet sħaħ għal dawn it-tliet kategoriji ta' raġunijiet li ġejjin:

1. **Kelliema tal-lingwa mhux nattiva**: Dawk l-istudenti li ma jistgħux jegħlbu l-barriera tal-lingwa tal-eżami. Tipikament, student li għandu anqas minn sena ta' istruzzjoni fil-lingwa tal-kwestjonarju għandu jkun eskluż.
2. **Studenti li għandhom diffikultajiet kbar fit-tagħlim**: Dawk l-istudenti li huma meqjusa, fl-opinjoni professjonali tal-kap tal-iskola jew ta' membru tal-istaff ieħor ikkwalifikat, mhux intellettwalment kapaċi jimlew il-kwestjonarju.
3. **Studenti b'diżabilità fiżika**: Dawk l-istudenti b'diżabilità fiżika permanenti b'tali mod li ma jistgħux jimlew il-kwestjonarju. Ovvjament tista' tagħżel li tippermetti lil kull student jieħu sehem billi xi ħadd jimla l-kwestjonarju għalihom.

Ipprova mminimizza l-għadd ta' studenti u klassijiet esklużi.

Fit-tielet kolonna tal-formola tat-teħid tal-kampjuni tal-klassi, imla l-għadd ta' studenti esklużi.

Tabella 5 turi eżempju ta' formola mimlija tal-lista tal-klassi.

***Tabella 5: Eżempju ta' formola mimlija tal-lista tal-klassi***

| Class Name | Total number of target students | Number of excluded students |
|---|---|---|
| Class1 | 32 | 4 |
| Class2 | 21 | 1 |
| Class3 | 35 | 2 |
| Class4 | 28 | 1 |

Sampling Back

Ladarba tkun żgur li l-lista hija mimlija b'mod preċiż, **issottometti l-lista għat-teħid tal-kampjuni billi tikklikkja fuq iċ-ċellola "KAMPJUN"**. Is-sistema online tagħżel klassi b'mod każwali u tibgħathielek lura. Il-kampjun każwali tal-klassijiet f'kull skola għalhekk isir awtomatikament mis-sistema online. Oqgħod attent: **ladarba tikklikkja fuq il-buttuna "kampjun", ma tistax tmur lura** biex tibdel l-informazzjoni li daħħalt, anke jekk tkun insejt klassi waħda.

Il-klassi li tagħha jittieħed il-kampjun tidher fuq l-iskrin u tintbagħat ukoll lill-indirizz elettroniku postali tiegħek.

## 6. KOMPITU 2: TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-GĦALLIEM(A)

Għat-teħid tal-kampjuni tal-għalliema, jeħtieġ timla l-'formola tal-lista tal-għalliema'. Dan jinkludi

1) l-identifikazzjoni tal-għalliema, u

2) l-innumerar ta' għalliema eliġibbli.

### a) L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA

L-identifikazzjoni tal-għalliema tiddependi fuq il-livell tal-edukazzjoni.

**Primarja 5 Sena (Primarja)**

Jeħtieġ tagħżel lill-għalliem li għandu r-responsabbiltà prinċipali tal-klassi magħżula. Jekk aktar minn għalliem wieħed ikollu r-responsabbiltà prinċipali tal-klassi, iż-żewġ għalliema jridu jkunu mniżżla fil-"formola tal-lista tal-għalliema".

**Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3**

Tliet għalliema jingħtażlu biex jimlew il-kwestjonarju: għalliem tal-matematika, għalliem tax-xjenza, u għalliem tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija".

L-għalliema kollha tal-matematika, tax-xjenza u tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" li jgħallmu kwalunkwe student fil-klassi magħżula jridu jkunu mniżżla fil-"formola tal-lista tal-għalliema". Ix-xjenza tinkludi l-kimika, il-fiżika, il-bijoloġija u x-xjenzi tad-dinja, jekk mgħallma separatament.

**1 sena 6th form (post Sekondarja)**

Tliet għalliema jingħtażlu biex jimlew il-kwestjonarju: għalliem tal-matematika, għalliem tax-xjenza, u għalliem tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija".

L-għalliema kollha tal-matematika, tax-xjenza u tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" li jgħallmu kwalunkwe student fil-klassi magħżula jridu jkunu mniżżla fil-"formola tal-lista tal-għalliema". Ix-xjenza tinkludi l-kimika, il-fiżika, il-bijoloġija u x-xjenzi tad-dinja, jekk mgħallma separatament.

**1 sena taħrig vokazzjonali (f'taħriġ vokazzjonali)**

Jeħtieġ tidentifika tliet għalliema li għandhom l-aktar sigħat ta' istruzzjoni mal-istudenti. Dan ifisser li m'hemmx kampjuni fil-livell ta' 1 sena taħrig vokazzjonali u għalhekk, ebda "formola tal-lista tal-għalliema" m'għandha għalfejn timtela.

## b) L-INNUMERAR TA' GĦALLIEMA ELIĠIBBLI

Biex niżguraw il-kunfidenzjalità, ma nitolbukx tikteb l-ismijiet tal-għalliem fil-"formola tal-lista tal-għalliema" (kif għamilt għall-klassijiet). Nitolbuk biss tagħtina l-għadd totali tal-għalliema identifikati fis-sezzjoni ta' qabel.

**Primarja 5 Sena (Primarja)**

Dan normalment ikun biss wieħed jew forsi żewġ għalliema (pereżempju, *part-time*) f'kull klassi.

**Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3**

L-għadd ta' għalliema għal tliet suġġetti il-("Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", ix-xjenza u l-matematika) għandhom ikunu mniżżla separatament (l-għadd ta' għalliema tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", l-għadd ta' għalliema tax-xjenza u l-għadd ta' għalliema tal-matematika). Innota li x-xjenza tista' tinkludi l-kimika, il-fiżika, il-bijoloġija u x-xjenzi tad-dinja.

**1 sena 6th form (post Sekondarja)**

L-għadd ta' għalliema għal tliet suġġetti il-("Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", ix-xjenza u l-matematika) għandhom ikunu mniżżla separatament (l-għadd ta' għalliema tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", l-għadd ta' għalliema tax-xjenza u l-għadd ta' għalliema tal-matematika). Innota li x-xjenza tista' tinkludi l-kimika, il-fiżika, il-bijoloġija u x-xjenzi tad-dinja.

**1 sena taħrig vokazzjonali (f'taħriġ vokazzjonali)**

Jeħtieġ tagħżel tliet għalliema li għandhom l-aktar sigħat ta' istruzzjoni. Dan ifisser li m'hemmx kampjuni fil-livell ta' 1 sena taħrig vokazzjonali u għalhekk, ebda "formola tal-lista tal-għalliema" m'għandha għalfejn timtela.

Tabella 6 turi eżempju ta' formola tal-lista tal-għalliema tal-livell ta' Sekondarja.

***Tabella 6. Eżempju ta' formola tal-lista tal-għalliema mimlija***

Sampled class: class 3

| | Main language of instruction | Mathematics | Science |
|---|---|---|---|
| Number of teacher(s) | 1 | 2 | 2 |

Ladarba tkun żgur li l-lista hija mimlija b'mod preċiż, **issottometti l-lista għat-teħid tal-kampjuni billi tikklikkja fuq iċ-ċellola "KAMPJUN"**. Wara li l-formola tal-lista tal-għalliema kompluta tiġi sottomessa għat-teħid tal-kampjuni, is-sistema online tibgħat ittra. L-għalliem kampjun (jiġifieri dak li ser tikkuntattja biex titolbu/titlobha tieħu sehem) huwa dak/dik li l-ewwel ittra ta' kunjomu/kunjomha (isem il-familja) tibda b'din l-ittra kampjun jew tibda bl-ittra li jmiss f'ordni alfabetika. Jekk hemm żewġ għalliema li kunjomhom jibda bl-istess ittra, allura l-għalliem kampjun huwa dak li kunjomu/kunjomha jiġi l-ewwel fl-ordni alfabetika.

**Primarja 5 Sena (Primarja)**

Is-sistema tibgħat ittra waħda.

**Sekondarja Form 3 (Sekondarja) jew Form 4 fejn m'hemmx Form 3**

Is-sistema tibgħat tliet ittri (waħda għall-għalliema tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", waħda għal tax-xjenza, u waħda għal tal-matematika).

**1 sena 6th form (post Sekondarja)**

Is-sistema tibgħat tliet ittri (waħda għall-għalliema tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", waħda għal tax-xjenza, u waħda għal tal-matematika).

**1 sena taħrig vokazzjonali (f'taħriġ vokazzjonali)**

Is-sistema ma tibgħat xejn, billi diġà identifikajt it-tliet għalliema li għandhom l-aktar ħin ta' istruzzjoni mal-klassi magħżula.

Ejja nikkunsidraw eżempju (ara Tabella 6).

Jekk il-klassi « class 3 »ittieħdet bħala kampjun fil- Secondarja Form 3, niżżel l-għadd ta' għalliema tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", u tas-suġġetti tax-xjenza u l-matematika separatament. Ejja ngħidu li fil-klassi « class 3 » hemm għalliem wieħed biss tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", u hemm żewġ għalliema tal-matematika u tnejn tax-xjenza. Wara li tissottometti l-formola, is-sistema tibgħat ittra lill-għalliema tax-xjenza u tal-matematika iżda mhux lill-għalliem tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija", għaliex m'hemmx bżonn it-teħid tal-kampjuni (ara Tabella 7). L-uniku għalliem tal-"Lingwa ta' istruzzjoni ewlenija" jintgħażel biex jimla l-Kwestjonarju tal-Għalliema. L-għalliem kampjun tal-matematika huwa l-għalliem li kunjomu jibda bl-ittra 'M'. Jekk tali għalliem ma jeżistix, agħżel għalliem li kunjomu jibda bl-ittra 'N'. Jekk tali għalliem ma jeżistix, agħżel għalliem li kunjomu jibda bl-ittra 'O' eċċ... Jekk hemm żewġ għalliema tal-matematika li kunjomhom jibda bl-ittra 'M', agħżel l-għalliem li kunjomu jiġi l-ewwel fl-ordni alfabetika. Proċedura simili tapplika għall-għalliem tax-xjenza.

Innota li inti m'għandekx għalfejn tieħu kampjun tal-kapijiet tal-iskola għaliex normalment hemm wieħed/waħda biss għal kull skola.

***Tabella 7. Eżempju ta' formola tal-lista tal-għalliema mimlija***

Sampled class: class 3

| | Main language of instruction | Mathematics | Science |
|---|---|---|---|
| Sampled teachers | Only one | M | B |

# 7. KOMPITU 3: AMMINISTRAZZJONI TAS-SERVEJ

Wara t-teħid tal-kampjuni tal-klassi(jiet) u tal-għalliem(a), inti tirċievi ittra elettronika awtomatika li jkun fiha l-IDs (l-identifikaturi) u l-passwords tal-istudenti, tal-għalliema u tal-kap tal-iskola li ser jieħdu sehem fis-servej. Is-sistema awtomatikament tiġġenera l-IDs u l-passwords biex tiżgura l-anonimità tad-dejta.

Aħna nikkalkulaw li l-**mili tal-kwestjonarju online jieħdu bejn 15 u 20 minuta**.

Is-sistema online għall-amministrazzjoni tas-servej ser tkun aċċessibbli għal erba' ġimgħat u tagħlaq fl-aħħar ta' Novembru.

## a) AMMINISTRAZZJONI GĦALL-ISTUDENTI (MHUX FIL-PRIMARJA 5, PRIMARJA)

Qabel torganizza l-amministrazzjoni online, forsi tkun tixtieq tqassam l-'ittra u l-formola ta' permess mill-ġenituri' (ara Anness A) jew l-'ittra ta' permess mill-Ġenituri' (ara Anness B) lill-istudenti kollha li qed jieħdu sehem, xi ftit ġimgħat qabel. F'bosta pajjiżi huwa korteżija jew obbligatorju li tinforma lill-ġenituri dwar tali servejs u/jew tikseb il-permess tagħhom biex jieħdu sehem. Jekk f'pajjiżek huwa obbligatorju titlob il-permess għall-parteċipazzjoni, uża l-'ittra u l-formola ta' permess mill-ġenituri'. Jekk huwa ta' korteżija jew obbligatorja li tinforma lill-ġenituri dwar l-istudju, uża l-'ittra ta' permess mill-Ġenituri'. Abbozzi tal-formola u tal-ittra huma inklużi fl-aħħar ta' dan il-manwal. Inti tista' ovvjament tbiddel il-formolazzjoni.

Nagħtuk parir li torganizza sessjoni waħda għall-istudenti biex tnaqqsu t-telf ta' ħin fuq l-istruzzjoni. Iżda, l-organizzazzjoni ta' bosta sessjonijiet għall-istudenti tista' tkun meħtieġa jekk in-numru ta' kompjuters b'aċċess għall-internet ikun anqas min-numru ta' studenti fil-klassi. Raġuni oħra għalfejn ikollok torganizza aktar minn sessjoni waħda għall-istudenti tista' tkun li mhux l-istudenti kollha kienu preżenti fil-ħin tal-amministrazzjoni minħabba mard jew ħinijiet ta' istruzzjoni differenti speċjalment fi programmi vokazzjonali.

Għal raġunijiet ta' effiċjenza ta' ħin, nagħtuk parir li tiftaħ is-sessjonijiet individwali fuq kull kompjuter permezz tal-logins u tal-passwords tal-istudenti qabel ma dawn jidħlu fil-klassi. **Tagħtix il-**

**logins u l-passwords lill-istudenti biex dawn ma jintużawx ħażin. L-istudenti ma jistgħux jimlew il-kwestjonarju online d-dar jew f'xi post ieħor mingħajr is-superviżjoni tal-kordinatur tal-iskola**.

Aħna nissuġġerixxu li tgħin lill-istudenti waqt l-amministrazzjoni jekk ikollhom dubji dwar xi suġġetti jew it-tweġibiet tagħhom – dan mhuwiex eżami! – jew jekk ikun hemm problema teknika. L-istudenti għandhom jimlew il-kwestjonarju kollu waqt is-sessjoni għax ma jistgħux jissejvjaw it-tweġibiet tagħhom u jilloggjaw darba oħra. Billi dan mhuwiex test tal-ħiliet tagħhom, l-istudenti jistgħu jimlew il-kwestjonarju f'ħinijiet differenti. Hemm perjodu ta' erba' ġimgħat għal kull student fil-klassi biex jimla l-kwestjonarju.

Huwa importanti li tagħmel minn kollox biex timmotiva lill-istudenti jimlew il-kwestjonarju. Tista' tibda billi tispjega l-għanijiet tal-istudju lill-istudenti u tispjegalhom kemm huwa importanti li jwieġbu b'mod onest u serju għall-mistoqsijiet, u tfehimhom li m'hemmx tweġibiet tajbin jew ħżiena. Agħtihom l-assigurazzjoni wkoll li jekk ikollhom xi mistoqsijiet jew isibu xi problemi biex jimlew il-kwestjonarju, inti qiegħed hemm biex tgħinhom.

## b) AMMINISTRAZZJONI GĦALL-GĦALLIEM(A) U GĦALL-KAP TAL-ISKOLA

L-ewwel, forsi tkun tixtieq tinforma lill-għalliema dwar l-għanijiet ġenerali tal-istudju, u l-fatt li dan huwa servej qasir ħafna. Abbozz ta' ittra jinstab f'Anness C.

Imbagħad, tista' tqassam l-IDs u l-passwords lill-kap tal-iskola u lill-għalliem(a) magħżul()a). Huma jistgħu jimlew il-kwestjonarju online d-dar jekk dan ikun aktar konvenjenti għalihom. Kuntrarju għall-istudenti, huma jistgħu jissejvjaw it-tweġibiet tagħhom u jidħlu f'ħin ieħor biex ikomplu jew ibiddlu t-tweġibiet tagħhom jekk ikunu jixtiequ.

# 8. KOMPITU 4: SEGWITU TAS-SERVEJ

Żgura li l-istudenti , l-għalliema, u l-kap tal-iskola lkoll jimlew il-kwestjonarju qabel is-sistema online tagħlaq (fl-aħħar ta' Novembru).

Il-Kordinatur Nazzjonali jista' jimmonitorja n-numru ta' kwestjonarji mimlija mill-istudenti f'kull skola. Huma qegħdin hemm biex jgħinuk, għalhekk ikkuntattjah/a jekk ikun meħtieġ.

## ANNESS A: ITTRA U FORMOLA TA' PERMESS MINGĦAND IL-ĠENITURI

Indirizz tal-iskola

Data

Għażiż ġenitur jew gwardjan

**Servej Ewropew tal-Iskejjel: L-ICT u l-Edukazzjoni**

Qed nikteb biex ninformak li l-klassi tat-tifel jew tifla tiegħek ġiet magħżula biex tieħu sehem f'servej organizzat minn European Schoolnet f'isem il-Kummissjoni Ewropea. European Schoolnet hija netwerk ta' ministeri tal-edukazzjoni li qed taħdem biex ittejjeb it-tagħlim fl-iskejjel.

Il-kwestjonarju online għandu l-għan li jiġbor informazzjoni aġġornata dwar kif iż-żgħażagħ jużaw it-teknoloġija fit-tagħlim; dan ser jimtela l-iskola fil-bidu tal-ħarifa u jieħu madwar 15-il minuta. Ebda individwu jew skola ma tista' tkun identifikata mit-tweġibiet u ebda informazzjoni sensittiva mhi ser tinġabar.

It-tweġibiet ser jintużaw biex jipprovdu informazzjoni prezzjuża lill-iskejjel, lill-ministeri tal-edukazzjoni u lill-Kummissjoni Ewropea biex tgħinhom jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja liż-żgħażagħ tas-seklu 21.

Din l-iskola qablet li tieħu sehem fis-servej billi nemmnu li r-riżultati jkunu ta' valur għall-istudenti tagħna. Għalhekk inkun grat jekk timla u tirritorna din il-formola ta' permess ta' hawn taħt sa DATE.

Jekk għandek xi mistoqsijiet ikkuntattja lill-iskola.

Nirringrazzjak bil-quddiem għall-appoġġ tiegħek.

Dejjem tiegħek

Kap tal-Iskola

---

**Servej Ewropew tal-Iskejjel: L-ICT u l-Edukazzjoni**

<u>Formola ta' kunsens tal-ġenituri</u>

Jiena nagħti permess lit-tifel/tifla tiegħi biex jieħu/tieħu sehem fis-Servej Ewropew tal-Iskejjel: L-ICT u l-Edukazzjoni.

Isem it-tifel/tifla:.................

Firma tal-ġenitur:...............

Data: .................................

# ANNESS B: ITTRA LILL-ĠENITURI

Indirizz tal-iskola

Data

Għażiż ġenitur jew gwardjan

**Servej Ewropew tal-Iskejjel: L-ICT u l-Edukazzjoni**

Qed nikteb biex ninformak li l-klassi tat-tifel jew tifla tiegħek ġiet magħżula biex tieħu sehem f'servej organizzat minn European Schoolnet f'isem il-Kummissjoni Ewropea. European Schoolnet hija netwerk ta' ministeri tal-edukazzjoni li qed taħdem biex ittejjeb it-tagħlim fl-iskejjel.

Il-kwestjonarju online għandu l-għan li jiġbor informazzjoni aġġornata dwar kif iż-żgħażagħ jużaw it-teknoloġija fit-tagħlim; dan ser jimtela fl-iskola fil-bidu tal-ħarifa u jieħu madwar 15-il minuta. Ebda individwu jew skola ma tista' tkun identifikata mit-tweġibiet u ebda informazzjoni sensittiva mhi ser tinġabar.

It-tweġibiet ser jintużaw biex jipprovdu informazzjoni prezzjuża lill-iskejjel, lill-ministeri tal-edukazzjoni u lill-Kummissjoni Ewropea biex tgħinhom jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja liż-żgħażagħ tas-seklu 21.

Jekk għandek xi mistoqsijiet ikkuntattja lill-iskola.

Nirringrazzjak bil-quddiem għall-appoġġ tiegħek.

Dejjem tiegħek

Kap tal-Iskola

## ANNESS C: ITTRA LILL-GĦALLIEMA

Lil: għalliema li qed jieħdu sehem fis-Servej Ewropew tal-Iskejjel: L-ICT fl-Edukazzjoni

Għażiż/a Kollega

Għall-ewwel darba, l-iskejjel madwar l-Ewropa qed isirilhom servej sistematiku dwar l-aċċess, l-użu u l-impatt tat-teknoloġija tal-informatika fit-tagħlim. Inti ġejt magħżul/a biex tieħu sehem u nirringrazzjak bil-quddiem għall-koperazzjoni tiegħek.

Is-Servej Ewropew tal-Iskejjel: L-ICT u l-Edukazzjoni huwa ffinanzjat mid-Direttorat Ġenerali għas-Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja tal-Unjoni Ewropea bl-appoġġ tal-ministeri tal-edukazzjoni. Dan qed jitmexxa minn European Schoolnet u l-Università ta' Liège. L-għan tiegħu huwa li jkun punt ta' referenza għall-progress tad-disponibilità u l-użu tal-ICT fil-31 pajjiż Ewropew. Is-servej ikun għaddej online minn Settembru sa Novembru u jieħu madwar 20 minuta biex jimtela.

L-informazzjoni li tagħti ser tintuża biss għas-servej u l-privatezza u s-sigurtà tad-dejta tiegħek hija assigurata. Ebda individwu ma jista' jkun identifikat. Is-servej ser jipproduċi sejbiet ta' valur għall-ippjanar tal-iskola u għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-tħaddim, l-amministrazzjoni u l-użu tat-teknoloġija li ser ikunu ppubblikati f'rapporti nazzjonali u internazzjonali fl-2012. Tista' tikseb aktar informazzjoni mingħand il-Kordinatur tal-Iskola tiegħek, jew żur il-websajt tas-servej: http://essie.eun.org.

Nafu li l-iskejjel għaddejjin il-ħin kollu u qed isir kull sforz biex niżguraw li jkun hemm interruzzjonijiet mill-anqas possibbli.

Il-ħin u l-appoġġ tiegħek huma apprezzati ħafna.

[[[SIGNED]]]